MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 2626/2000/1

**Marcelle Leone Ganado awtorizzata biex tipprocedi bil-beneficcju ta' l-ghajnuna legali u awtorizzata biex tistitwixxi din il-kawza permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tas-26 t'Ottubru 2000.**

**vs**

**Dr. Chris Cilia LL.D. u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tal-24 ta' Lulju 2000 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti John Leone Ganado.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali giet reza mpossibbli minhabba adulterju, sevizzi, minacci, ingurji gravi u eccessi

kommessi mill-konvenut u *inoltre* z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Illi huma ghandhom zewgt itfal: Jacqueline *sive* Jackie u Claire.

Illi l-attrici giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza b'digriet tas-Sekond' Awla ta' din il-Qorti tas-26 t'Ottubru 2000.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut John Leone Ganado rrenda ruhu hati ta' adulterju, sevizzi, minacci, ingurji gravi u eccessi fir-rigward ta' l-attrici.

2. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet hawn fuq imsemmija li huma mputabbli lill-konvenut.

3. Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt li qatt jista' jesigi manteniment minghand l-attrici.

4. Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet kontemplati fil-Kodici Civili sa fejn huma applikabbli ghac-cirkostanzi tal-kaz.

5. Tordna li l-attrici tkompli tabita fid-dar tal-konjugi flimkien ma' bintha Claire.

6. Tordna l-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi l-assi jinqasmu f'porzjonijiet inugwali *stante* li l-konvenut abbanduna l-familja.

7. Tordna r-ritorn tal-beni dotali u parafernali lill-attrici.

8. Tinnomina Nutar biex jippubblika, okkorrendo, l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 18 tal-process fosthom l-atti fejn l-attrici giet assenjata b’difensur ta’ l-ghajnuna legali, u kopja tad-digriet tas-Sekond’ Awla;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tal-27 ta’ Lulju 2001 a fol. 23 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet fil-meritu fi stadju ulterjuri.

2. Illi f’kull kaz l-attrici ghadha tipprezenta c-certifikat taz-zwieg, certifikat tat-twelid ta’ l-ulied u d-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a tergo fol. 23 tal-process.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Settembru 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Deborah Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tal-1 t’Ottubru 2001 a fol. 23 fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok l-attrici ghandha tipprezenta c-certifikat taz-zwieg u kopja legali tad-digriet moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fis-26 t’Ottubru 2000.

2. Illi fit-tieni lok il-hames talba kif dedotta hija nsostentibbli *stante* illi l-attrici qed tagixxi biss f’isimha proprju u mhux ukoll ghan-nom ta’ bintha Claire Leone Ganado illi hija maggorenni.

3. Fil-mertu l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw id-dritt illi jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri wara li jkunu gew provduti l-informazzjoni relattiva.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 33 tal-process.

Rat in-nota tal-kuraturi deputati tal-1 t'Ottubru 2001 fejn esebew kopja ta' ittra li ghaddew lid-difensur ta' l-attrici b'talba ghall-indirizz ta' l-assenti John Leone Ganado.

Rat il-verbali tal-21 ta' Jannar 2002; tal-25 ta' Marzu 2004 fejn il-kawza giet differita biex tibda tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjduta; tat-12 ta' Gunju 2002; tal-14 ta' Gunju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' hamsin (50) gurnata kull wiehed. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarja sabiex wara tali termini tiffissa hames seduti ghall-provi kollha tal-partijiet; tal-21 ta' Jannar 2003; tat-28 ta' Jannar 2003; tal-4 ta' Marzu 2003 fejn dehret biss l-Assistent Gudizzjarju li nfurmat lill-Qorti li partijiet ghalqu l-provi taghhom. Peress li hadd mill-partijiet jew mid-difensuri ma deher il-kawza giet differita sine die.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 7 ta' marzu 2003 fejn talbet li l-kawza tigi riappuntata sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-10 ta' Marzu 2003 fejn ordnat qabel xejn lill-attrici sabiex fi zmien ghoxrin gurnata taderixxi ruhha mad-digriet ta' l-affidavits tal-14 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 6 t'Ottubru 2003 fejn indikat lill-Qorti li x-xhieda taghha nghatat viva voce quddiem l-Assistent Gudizzjaru u ghaldaqstant m'ghandhiex aktar provi xi tressaq.

Rat id-digriet tas-7 t'Ottubru 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba ta' l-attrici fir-rikors taghha tas-7 ta' Marzu 2003 u

rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-25 ta’ Novembru 2003.

Rat il-verbal tal-25 ta’ Novembru 2003 fejn Dr. Tonio Azzopardi ghall-attrici ddikjara li m’ghandux provi aktar. Il-kuratur Dr. Chris Cilia rrimetta ruhu ghall-atti anke peress li qatt ma nghata ndirizz ta’ l-assenti li l-attrici ma tafx fejn jinsab. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 t’Ottubru 2004.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjaru, inkluz ix-xhieda kollha quddiemha prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-digriet tal-21 ta’ Gunju 2004 fejn il-Qorti rrikjamat il-kawza sabiex is-sentenza tinghata fit-30 ta’ Gunju 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti u senjatament, mix-xhieda ta’ l-attrici, *stante* li jirrizulta li kienet l-unika persuna li xehdet f’din il-kawza, jirrizulta li lewwel talba attrici ghandha tintlaqa` ghar-ragunijiet hemm indikati, li kollha gew sodisfacentement ippruvati mill-attrici. Fil-fatt jirrizulta li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici, ta’ adulterju, sevizzji, minacci, eccessi u ngurji gravi u fil-fatt, illum jirrizulta li halla Malta u abbanduna ghal kollox lill-familja tieghu. Konsegwentement, anke t-tieni talba ghandha tigi milqugha.

Illi dwar it-tielet talba, din ghandha tigi milqugha anke peress li din il-Qorti qed tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48** *in toto* fil-konfront tal-konvenut. Ir-raba` talba wkoll qed tigi, ghall-istess ragunijiet milqugha, u fil-kuntest ta’ dan kollu, il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda skjetta ta’ l-attrici datata 20 ta’ Novembru 2002 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, Dr. Deborah Farrugia.

Illi dwar il-hames talba attrici, mill-provi jirrizulta li l-attrici tabita fil-fond ‘The Cottage’, Triq il-Hawt, Swieqi, li hija proprjeta` ta’ Mary Leone Ganado, omm il-konvenut, u invista tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tordna li l-attrici tkompli tghix fl-istess dar konjugali, jekk ikun il-kaz, flimkien ma’ bintha, bl-eskluzjoni ta’ l-istess konvenut.

Illi dwar is-sitt talba attrici, il-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mis-26 ta’ Ottubru 2000 u peress li ma jirrizultax illi hemm xi assi fl-istess komunjoni ta’ l-akkwisti, tiddikjara li m’hemm xejn b’hekk x’jigi likwidat u diviz.

Illi dwar is-seba` talba attrici, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-istess, minhabba nuqqas ta’ provi b’dan illi l-attrici ghandha zzomm l-oggetti parafernali li jinsabu fil-pussess taghha.

Illi din il-Qorti tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba, *stante* li ma jidhirx li hemm bzonnha.

## III.   KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba` u t-tmien talba attrici**, **tilqa` t-talbiet attrici l-ohra**, biss fis-sens u kif hawn deciz b’dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut John Leone Ganado rrenda ruhu hati ta’ adulterju, sevizzi, minacci, ingurji gravi u eccessi fir-rigward ta’ l-attrici.

2. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet hawn fuq imsemmija li huma mputabbli lill-konvenut.

3. Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt li qatt jista’ jesigi manteniment minghand l-attrici.

4. Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet kontemplati fil-Kodici Civili b'dan li qed jigu applikati kontra tieghu, id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48** *in toto*.

5. Tordna li l-attrici tkompli tabita fid-dar tal-konjugi flimkien ma' bintha, Claire, u dan ad eskluzjoni tal-konvenut.

6. Tiddikjara ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mis-26 ta' Ottubru 2000, u peress li ma jirrizultax li hemm xi assi fil-komunjoni ta' l-akkwsiti, bejn il-partijiet, tiddikajra li m'hemm xejn ghalhekk, x'jigi likwidat u diviz.

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* nuqqas ta' provi b'dan pero`, li l-attrici ghandha zzomm fil-pussess taghha, il-beni dotali u parafernali taghha.

8. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li ma jirrizultax li hemm bzonnha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut assenti b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------